

# Kawża C-424/09

**Christina Ioanni Toki**

**vs**

**Ypourgos Ethnikis paideias kai Thriskevmaton**

(talba għal deċiżjoni preliminari  
mressqa mis-Symvoulío tis Epikrateias)

“Direttiva 89/48/KEE — Subparagrafi (a) u (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 — Rikonoxximent ta’ diplomi ta’ edukazzjoni oġhla — Inġinier ambjentali — Attività meqjusa bħala attività professjonali rregolata — Mekkaniżmu ta’ rikonoxximent applikabbli — Kunċett ta’ ‘esperjenza professjonali’”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali P. Mengozzi, ippreżentati fit-  
30 ta’ Novembru 2010 . . . . . I - 2590

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-5 ta’ April 2011 . . . . . I - 2616

## Sommarju tas-sentenza

1. *Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Ħaddiema — Rikonoxximent ta’ diplomi ta’ edukazzjoni oġhla mogħtja mal-ikkompletar ta’ edukazzjoni u taħriġ professjonali ta’ mill-inqas tliet snin — Direttiva 89/48 — Access għal professjoni rregolata jew l-eżerċizzju tagħha taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għal persuni li għandhom in-nazzjonalità tal-pajjiż — Professjonijiet meqjusa bħala professjonijiet irregolati — Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ rikonoxximent previst fis-subparagrafu (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva, indipendentement mill-affiljazzjoni jew le tal-parti kkonċernata ma’ assoċjazzjoni jew ma’ organizzazzjoni professjonali rrikonoxxuta (Direttiva tal-Kunsill 89/48, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(d) u s-subparagrafu (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3)*

2. *Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta' stabbiliment — Ħaddiema — Rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-ikkompletar ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin — Direttiva 89/48 — Aċċess għal professjoni rregolata jew l-eżerċizzju tagħha taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għal persuni li għandhom in-nazzjonalità tal-pajjiż — Professjonijiet meqjusa bħala professjonijiet irregolati — Aċċess ibbażat fuq esperjenza professjonali — Kundizzjonijiet*  
*(Direttiva tal-Kunsill 89/48, is-subparagrafu (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3)*

1. Is-subparagrafu (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin, kif emendata bid-Direttiva 2001/19, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-mekkaniżmu ta' rikonoxximent li jipprovi huwa applikabbli meta, fl-Istat Membru tal-orìġini, il-professjoni inkwistjoni taqa' taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(d) tal-istess direttiva, indipendentement mill-kwistjoni jekk il-persuna kkonċernata hijiex membru sħiħ jew le tal-assoċjazzjoni jew tal-organizzazzjoni kkonċernata.

tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin, kif emendata bid-Direttiva 2001/19, l-esperjenza professjonali li tinwoka persuna li tagħmel talba sabiex tiġi awtorizzata teżerċita professjoni rregolata fl-Istat Membru ospitanti għandha tissodisfa t-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

— l-esperjenza invokata għandha tikkonsisti f'xogħol full-time matul għall-inqas sentejn tul l-għaxar snin preċedenti;

(ara l-punt 26 u d-dispożittiv 1)

2. Sabiex tkun tista' tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finjiet tas-subparagrafu (b) tal-ewwel paragrafu

— dan ix-xogħol għandu jkun ikkonsista fl-eżerċizzju b'mod kostanti u regolari ta' numru ta' attivitajiet professjonali li jikkarakterizzaw il-professjoni kkonċernata fl-Istat Membru tal-orìġini, mingħajr ma huwa neċessarju li dan ix-xogħol

ikun kopra t-totalità ta' dawn l-attivitajiet, u

għal dak li jirrigwarda l-attivitajiet li tkopri, għall-professjoni li tkun intalbet awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju tagħha fl-Istat Membru ospitanti.

- il-professjoni, kif tiġi eżerċitata normalment fl-Istat Membru tal-orìġini, għandha tkun ekwivalenti,

(ara l-punt 42 u d-dispożittiv 2)